# L-UNJONI EWROPEA U L-ORGANIZZAZZJONI DINJIJA TAL-KUMMERĊ

L-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO) taħdem biex tiggarantixxi sistema internazzjonali ta' kummerċ ibbażata fuq ir-regoli. Minkejja l-impass fin-negozjati kummerċjali, qed jiġu esplorati modi biex jiġu mmodernizzati r-regoli tad-WTO u biex jiġu indirizzati sfidi globali ġodda. Taħt it-Trattat ta' Lisbona, il-Parlament jilleġiżla b'mod konġunt mal-Kunsill u għandu rwol ta' skrutinju importanti dwar il-politika tal-kummerċ internazzjonali.

Fl-ewwel deċennji tas-seklu 20, kwistjonijiet kummerċjali wasslu lill-pajjiżi biex jimpenjaw ruħhom f'interazzjonijiet dejjem aktar kumplessi, u b'hekk inħolqot il-ħtieġa għal pjattaforma li tiffaċilita u tirregola r-relazzjonijiet kummerċjali. Il-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ tal-1947 (GATT), li kien ir-riżultat ta' dan, mhux biss ipprovda forum ta' diskussjoni madwar mejda, u b'hekk ħoloq approċċ multilaterali għall-kummerċ, iżda stabbilixxa wkoll sistema ta' regoli dwar il-kummerċ rikonoxxuti fil-livell internazzjonali. L-idea sottostanti kienet li jinħolqu kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni għall-membri kollha permezz ta' "tnaqqis sostanzjali fit-tariffi u ostakoli oħra għall-kummerċ, u l-eliminazzjoni tat-trattament diskriminatorju fil-kummerċ internazzjonali"[1].

Hekk kif il-kummerċ internazzjonali żviluppa lil hinn minn prodotti tanġibbli biex jinkludi servizzi u ideat, il-GATT ġie ttrasformat u istituzzjonalizzat bħala l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO). Din l-organizzazzjoni ġiet stabbilita fl-1995 bħala riżultat taċ-Ċiklu tal-Urugwaj ta' negozjati kummerċjali, u inkorporat ftehimiet kummerċjali preċedenti, bħall-GATT innifsu, il-Ftehim dwar il-Biedja u l-Ftehim dwar it-Tessuti u l-Ħwejjeġ, kif ukoll ftehimiet ġenerali addizzjonali. Il-ftehimiet ġodda l-aktar sinifikanti kienu l-Ftehim Ġenerali dwar il-Kummerċ fis-Servizzi (GATS) u l-Ftehim dwar l-Aspetti tad-Drittijiet tal-Proprjetà Intellettwali Relatati mal-Kummerċ (TRIPS). Fi Frar 2017, il-Ftehim ta' Faċilitazzjoni tal-Kummerċ — l-ewwel ftehim multilaterali kkompletat mindu twaqqfet id-WTO — daħal fis-seħħ. Barra minn hekk, qed jiġu esplorati ideat dwar kif jista' jkun hemm żviluppi ġodda fid-WTO, li jistgħu jimmodernizzaw is-sistema, pereżempju fl-oqsma tal-kummerċ elettroniku, il-faċilitazzjoni tal-investiment u s-sussidji industrijali, sabiex jagħmluha aktar effettiva u adattabbli għal dinja tal-kummerċ li qed tinbidel b'mod m'għaġġel.

L-istatistika turi rabta ċara bejn il-kummerċ ħieles u ġust u t-tkabbir ekonomiku. Il-ħolqien tad-WTO kien pass sinifikanti lejn sistema kummerċjali internazzjonali aktar

[1]Il-paragrafu introduttorju tal-Ftehim GATT (1947).

komprensiva u b'hekk aktar dinamika. Id-WTO taħdem biex tippromwovi kummerċ ħieles, jiġifieri billi żżomm ir-ritmu fit-tneħħija tal-ostakli għall-kummerċ fit-taħditiet kummerċjali. Attwalment, żewġ terzi tal-membri tad-WTO huma pajjiżi fil-fażi tal-żvilupp, u dan jippermetti lill-ekonomiji fi tranżizzjoni u lill-pajjiżi l-anqas żviluppati (LDCs) jużaw il-kummerċ miftuħ biex imexxu 'l quddiem l-isforzi tagħhom għall-iżvilupp.

## IL-MEKKANIŻMU GĦAS-SOLUZZJONI TAT-TILWIM KUMMERĊJALI

Waħda mill-kisbiet l-aktar importanti tad-WTO kienet li tikkonsolida l-Korp għas-Soluzzjoni tat-Tilwim, li għandu s-setgħa li jieħu deċiżjonijiet dwar tilwimiet kummerċjali u li jara li d-deċiżjonijiet tiegħu jkunu infurzati. Dan il-mekkaniżmu għas-soluzzjoni tat-tilwim jaħdem fuq il-bażi ta' regoli predefiniti li jippermettu lill-membri tad-WTO, indipendentement mis-saħħa politika jew forza ekonomika tagħhom, li jressqu lmenti dwar allegat ksur tar-regoli tad-WTO u li jfittxu riparazzjoni. Dan il-mekkaniżmu wassal għal tnaqqis fl-użu tal-miżuri ta' difiża unilaterali, li l-pajjiżi kienu preċedentement jirrikorru għalihom, u li spiss ipprovokaw ritaljazzjoni mill-pajjiżi fil-mira, u kultant dan wassal għal gwerer kummerċjali veri u proprji.

Sa issa, is-sistema għas-soluzzjoni tat-tilwim tad-WTO serviet biex tiggarantixxi li l-membri aktar b'saħħithom ma jkollhomx prevalenza fuq dawk aktar dgħajfa, kif ukoll ipprovdiet regoli ċari dwar il-miżuri ta' ritaljazzjoni. Madankollu, il-Korp tal-Appell effettivament m'għadux jeżisti peress li l-membri tiegħu waslu fl-aħħar tal-mandati tagħhom u l-postijiet vakanti ma mtlewx. Biex tingħeleb din is-sitwazzjoni, l-UE, flimkien mat-22 membru tad-WTO, nediet inizjattiva għal mekkaniżmu alternattiv imsejjaħ l-arranġament proviżorju ta' arbitraġġ tal-appell bejn bosta partijiet (MPIA) li hu magħmul minn 10 arbitri li se jisimgħu l-appelli tar-rapporti tal-panel taħt l-MPIA.

Sa mill-ħolqien tad-WTO, l-UE kienet waħda mill-ikbar utenti tas-sistema għas-soluzzjoni tat-tilwim. L-Unjoni kienet involuta f'187 każ ta' soluzzjoni ta' tilwim, 102 bħala lmentatur u 85 bħala konvenut[2]. F'200 każ ieħor, din talbet l-istatus ta' parti terza, ħaġa li tippermetti lill-membri tad-WTO jissorveljaw it-tilwim li jinvolvi partijiet oħra. L-UE, li hija rrappreżentata mill-Kummissjoni Ewropea, sikwit fittxet li ttejjeb u tiċċara l-ftehimiet tad-WTO billi titlob deċiżjonijiet mingħand il-bordijiet jew il-Korp tal-Appell tagħha.

Il-Parlament Ewropew jimmonitorja mill-qrib l-evoluzzjoni tat-tilwimiet li jinvolvu l-UE. Il-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali tal-Parlament jippreżenta l-fehmiet tiegħu dwar tilwimiet kummerċjali permezz ta' rapporti, seduti ta' smigħ pubbliċi u mistoqsijiet orali lill-Kummissjoni u lill-Kunsill. Dan hu l-każ, pereżempju, fit-tilwima Airbus-Boeing bejn l-UE u l-Istati Uniti.

## IĊ-ĊIKLU TA' DOHA U LIL HINN MINNU

Mill-2001, il-membri tad-WTO kienu impenjati f'ċiklu wiesa' ta' negozjati kummerċjali multilaterali magħrufa bħala ċ-Ċiklu ta' Doha jew l-Aġenda ta' Doha għall-Iżvilupp (DDA), li l-għan ewlieni tagħha huwa li l-iżvilupp jitpoġġa fil-qalb tas-sistema tal-kummerċ dinji. It-taħditiet ta' Doha jfittxu li jagħtu lill-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp rwol dejjem

---

[2]Figuri disponibbli sat-30 ta' Settembru 2020: https://www.wto.org/english/tratop_e/dispu_e/dispu_by_country_e.htm

akbar u li tissaħħaħ il-kapaċità tagħhom li jibbenefikaw mill-kummerċ internazzjonali u jiġu megħjuna jiġġieldu l-faqar.

Id-DDA kienet ibbażata mill-bidu fuq il-prinċipju ta' "impenn uniku"[3], u għadha miftuħa. Bħaċ-ċikli preċedenti, din tfittex li tkompli tilliberalizza l-kummerċ.

Id-DDA hija bbażata fuq tliet pilastri:

1. L-aċċess għas-suq għall-prodotti agrikoli (inklużi t-tariffi u s-sussidji), għall-prodotti industrijali (imsejħa wkoll "aċċess għas-suq għall-prodotti mhux agrikoli" jew "NAMA"), u għas-servizzi;
2. Ir-regoli, bħal pereżempju dwar il-faċilitazzjoni tal-kummerċ u l-anti-dumping; kif ukoll
3. L-iżvilupp.

Madankollu, it-taħditiet staġnaw fuq kwistjonijiet ewlenin, prinċipalment relatati mal-aċċess għas-suq. L-aktar differenzi sinifikanti huma bejn il-pożizzjonijiet tal-pajjiżi emerġenti l-kbar u dawk tal-pajjiżi jew blokki industrijalizzati fir-rigward tal-mod li bih għandha tissawwar mill-ġdid is-sistema internazzjonali tal-kummerċ.

L-UE appoġġjat it-tnedija ta' ċiklu wiesa' u ambizzjuż. Hija kkunsidrat dan bħala l-aħjar mod li jwassal għal tkabbir ekonomiku u gwadanji ta' żvilupp għall-parteċipanti kollha u jippermetti marġini għall-kompromessi kollha meħtieġa. Madankollu, minkejja l-isforzi konsiderevoli ta' għadd ta' parteċipanti (b'mod partikolari l-UE), il-konklużjoni b'suċċess tan-negozjati kollha ma tidhirx li hi fil-qrib.

Sabiex jingħeleb l-impass fin-negozjati ta' Doha u l-protezzjoniżmu jinżamm taħt kontroll, il-membri tad-WTO ffukaw fuq il-kisba tar-riżultati f'oqsma anqas kontroversjali, li jistgħu jgħinu bil-kbir biex jitwettqu l-għanijiet ta' żvilupp. F'Diċembru 2013, sar ftehim dwar l-ewwel strument legali multilaterali minn meta ġiet stabbilita d-WTO 22 sena ilu — il-Ftehim ta' Faċilitazzjoni tal-Kummerċ. Sentejn wara, f'Diċembru 2015, kien hemm progress tanġibbli ulterjuri bi ftehim dwar regoli li jillimitaw l-appoġġ li jfixkel il-kummerċ għall-esportazzjonijiet agrikoli — qasam ta' interess speċifiku għall-pajjiżi l-inqas żviluppati.

Għalkemm anqas estensivi mill-aġenda inizjali taċ-Ċiklu ta' Doha, dawn l-iżviluppi pożittivi, b'mod partikolari d-dħul fis-seħħ tal-Ftehim ta' Faċilitazzjoni tal-Kummerċ fi Frar 2017, jikkonfermaw l-impenn favur sistema kummerċjali multilaterali. Dawn iħejju t-triq għat-tiġdid tad-WTO, biex jiġu indirizzati sfidi kummerċjali dinjin ġodda u tingħata għajnuna biex jiġu appoġġjati r-regoli kummerċjali multilaterali. Il-Parlament Ewropew segwa mill-qrib it-taħditiet tad-WTO. Huwa adotta diversi rapporti li jivvalutaw l-istat tad-diskussjonijiet.

Il-Konferenza Parlamentari dwar id-WTO, organizzata b'mod konġunt mill-Parlament Ewropew u l-Unjoni Interparlamentari, b'mod regolari toffri opportunità għal parteċipazzjoni kostruttiva (ara hawn taħt għal aktar informazzjoni dwar din il-konferenza). F'diversi okkażjonijiet, il-Parlament talab li jitkomplew in-negozjati, filwaqt li enfasizza l-importanza taċ-Ċiklu ta' Doha għall-kummerċ u l-iżvilupp ekonomiku dinji.

[3]Il-prinċipju tal-"impenn uniku" essenzjalment ifisser li "ma jkun intlaħaq l-ebda ftehim qabel ma jintlaħaq ftehim fuq kollox".

Il-Parlament kien involut ukoll mill-qrib fin-negozjati għal ftehimiet aktar limitati. Huwa bagħat delegazzjoni f'Nairobi u Buenos Aires, f'Diċembru 2015 u f'Diċembru 2017 rispettivament, biex tattendi għal-laqgħat ministerjali tad-WTO. Il-Parlament qed ikompli jsegwi l-iżviluppi fid-WTO, partikolarment fid-dawl tal-laqgħa ministerjali tad-WTO li jmiss — il-laqgħa li jmiss għandha ssir f'Ġunju 2021.

## L-UE U D-WTO

Sa issa, l-UE kellha rwol ċentrali fl-iżvilupp tas-sistema kummerċjali internazzjonali sa mit-Tieni Gwerra Dinjija. Bħalissa, l-UE qed tesplora l-possibbiltà li timmodernizza d-WTO[4].

Bħall-GATT (u aktar tard, id-WTO), l-UE nnifisha oriġinarjament kienet maħsuba biex tneħħi l-ostakli doganali u tippromwovi l-kummerċ bejn l-Istati Membri tagħha. Is-suq uniku tal-UE kien imnebbaħ parzjalment mill-prinċipji u l-prattiki tal-GATT. L-Unjoni dejjem kienet fost il-promoturi ewlenin tal-kummerċ internazzjonali effettiv imsejjes fuq l-istat tad-dritt. Tali sistema tgħin biex ikun żgurat li n-negozji tagħha jgawdu aċċess ġust għas-suq lil hinn mill-fruntieri, u għaldaqstant tappoġġja t-tkabbir ekonomiku, kemm domestikament kif ukoll f'pajjiżi terzi, b'mod partikolari f'pajjiżi anqas żviluppati.

Il-politika kummerċjali komuni tal-UE hija waħda mill-oqsma li fihom l-Unjoni bħala tali għandha kompetenza sħiħa u esklużiva. Fi kliem ieħor, l-UE topera bħala attur uniku fid-WTO u hija rrappreżentata mill-Kummissjoni pjuttost milli mill-Istati Membri. Il-Kummissjoni tinnegozja l-ftehimiet kummerċjali u tiddefendi l-interessi tal-UE quddiem il-Korp għas-Soluzzjoni tat-Tilwim tad-WTO f'isem it-28 Stat Membru tagħha. Il-Kummissjoni tikkonsulta u tirrapporta regolarment lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew dwar il-kontenut u l-istrateġija għad-diskussjonijiet multilaterali. Skont it-Trattat ta' Lisbona, il-Kunsill u l-Parlament huma koleġiżlaturi b'vuċi ugwali dwar kwistjonijiet kummerċjali internazzjonali.

Permezz tad-WTO, l-UE ħadmet ukoll biex tippromwovi qafas multilaterali għan-negozjati kummerċjali, bil-għan li dawn jikkomplementaw in-negozjati bilaterali. Madankollu, l-istaġnar taċ-Ċiklu ta' Doha u l-fatt li sħab kummerċjali oħra qed jippreferu ftehimiet bilaterali ġiegħlu lill-UE terġa' tikkunsidra, parzjalment, l-istrateġija tagħha ta' żmien twil, u tmur lura għan-negozjati reġjonali u bilaterali.

Is-sitwazzjonijiet ta' impass kurrenti fid-WTO huma wkoll sinjal li s-sistema kummerċjali internazzjonali nbidlet b'mod drammatiku f'dawn l-aħħar 20 sena. Is-sistema evolviet, b'atturi ġodda — essenzjalment pajjiżi fi tranżizzjoni u pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp — li jiżvolġu rwol ċentrali. Il-liberalizzazzjoni tas-sistema kummerċjali internazzjonali kienet ta' benefiċċju għal uħud mill-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp, li esperjenzaw fażi mingħajr preċedent ta' tkabbir ekonomiku sostnut. L-UE hi ferm konxja ta' din id-dinamika ġdida. Hija indikat il-ħtieġa li nimxu lil hinn minn approċċ ta' negozjar ta' dawn l-aħħar snin u nippruvaw approċċi innovattivi biex nindirizzaw l-importanza dejjem akbar ta' kwistjonijiet regolatorji, meta mqabbla mat-tariffi.

---

[4]Stqarrija għall-istampa dwar l-Approċċ komprensiv tal-Kummissjoni Ewropea għall-modernizzazzjoni tad-WTO.

## IL-KONFERENZA PARLAMENTARI DWAR ID-WTO

Il-Konferenza Parlamentari dwar id-WTO hija organizzata b'mod konġunt mill-Parlament Ewropew u l-Unjoni Interparlamentari (IPU) u hija maħsuba biex issaħħaħ id-demokrazija fil-livell internazzjonali billi tintroduċi dimensjoni parlamentari għall-kooperazzjoni kummerċjali multilaterali.

L-ewwel laqgħa formali tad-deputati parlamentari fid-WTO tmur lura għall-Konferenza Ministerjali tad-WTO li saret f'Seattle f'Diċembru 1999. Fl-2001, il-Parlament Ewropew u l-IPU qablu li jgħaqqdu l-isforzi tagħhom u jippatroċinaw laqgħa parlamentari waqt il-konferenza tad-WTO f'Doha. Din il-laqgħa bniet il-pedamenti ta' dik li llum hi magħrufa bħala l-Konferenza Parlamentari dwar id-WTO.

Din il-konferenza tipprovdi forum fejn id-deputati parlamentari mid-dinja kollha jistgħu jaqsmu bejniethom il-fehmiet, l-informazzjoni u l-esperjenzi tagħhom fir-rigward ta' kwistjonijiet kummerċjali internazzjonali. Il-parteċipanti jissorveljaw l-attivitajiet tad-WTO; jippromwovu l-effikaċja tad-WTO u l-atteġġjament ġust tagħha; jippromwovu t-trasparenza fil-proċeduri tad-WTO; jaħdmu biex itejbu d-djalogu bejn il-gvernijiet, il-parlamenti u s-soċjetà ċivili; jinfluwenzaw id-direzzjoni tad-diskussjonijiet fi ħdan id-WTO; u jiżviluppaw il-kapaċità tal-parlamenti nazzjonali fi kwistjonijiet kummerċjali internazzjonali.

Il-Konferenza Parlamentari dwar id-WTO tiltaqa' matul il-Konferenzi Ministerjali tad-WTO. L-aħħar laqgħa saret f'Ġinevra fis-6 u s-7 ta' Diċembru 2018.

Wolfgang Igler
10/2020